**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 27 ta' Mejju 2021

Rikors Numru: 206/2020/2 AL

**A B**

**vs**

**C B**

**(Att taz-Zwieġ bin-Numru Progressiv 2289/1993)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-konvenut li permezz tiegħu ppremetta:[1]

*Illi dan huwa rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' liema r-rikorrenti qiegħda titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli*

[1] Fol. 2

*Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti li tezisti bejn il-partijiet.*

*Illi din it-talba tista ssir minn kull parti lu u f'kull zmien matul is-smigħ tal-kawza ta' firda u dan skont ma jipprovdi l-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16.*

*Illi ma hemm xejn li għandu jwaqqaf lil din l-Onorabbli Qorti milli tordna l-waqfien tal-Kommunjoni li tezisti bejn il-partijiet f'dan l-istadju.*

*Illi ħadd mill-partijiet ma huwa ser ibati ebda preġudizzju u dana peress li l-patijiet illum jgħixu hajja separata.*

*Għaldaqstant r-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:*

*(i) Tordna l-waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti li tezisti bejn il-mizzewġin Bridgette Attard u Saviour Attard dana permezz ta' sentenza ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(ii) Tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 55(5) u li din l-ordni għandha jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-kommunjoni talakkwisti saret b'att pubbliku ai termini tal-Artikolu 55 (5).*

Rat ir-risposta tal-attriċi Bridgette Attard,[2] fejn eċċepiet:

1. *Illi l-partijiet izzewġu fit-13 ta' Diċembru 1993 mill-liema zwieġ huma kellhom 5 t'itfal u cioe D li ghandu 26 sena, E li ghandu 25 sena, F li ghandha 21 sena, G li ghandu 19-il sena u H li ghandha 17-il sena;*

2. *Illi permezz tar-rikors tieghu l-konvenut qed jitlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi l-esponenti qeghda topponi ghall-din it-talba u dana ghab-bazi tal-fatt li hija ser issofri preġudizzju mhux proporzjonat (artikolu 55(4)) bl-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dan ghar-raġunijiet segwenti:*

[2] Fol. 5.

a) *Illi il-kaz ghadu fi stadju bikri stante li ghadhom qas biss bdew jingabru provi. Il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ghada ghalhekk ma gietx stabbilita u l-esponenti ma tafx bic-certezza x'inhuma l-assi li jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti.*

b) *Illi kif ser jirrizulta mill-atti ta' din il-kawza, il-konvenut fiz-zwieġ fetah kumpanija bl-isem ta' 'Absolute Construction Limited'. Illi permezz tal-istess kumpanija l-konvenut jipprovdi xogħol relatat mal-bni, minn liema kumpanija huwa jaqla introjtu konsiderevoli tant li kien anke xtara diversi inġenji. Illi l-uniku affarijiet li l-esponenti taf dwar dan huwa mill-ftit affarijiet li kien jgħidilha l-konvenut jew tramite riċerka fis-sistema tal-qorti (fejn instab li l-konvenut fetah kawza sabiex jirkupra xi flejjes) stante li huwa għandu kontroll assolut fuq l-istess negozju, fuq l-ishma u fuq il-qligh mill-istess; (ara Dok BOC1 hawn anness);*

*Illi l-esponenti taf ukoll li l-konvenut għandu diversi zwiemel tat-tigrija izda ma għandhix informazzjoni ta' fejn dawn jinsabu. Madanakollu hija kienet sabet dkument li juri li l-konvenut għandu zwiemel barra mill-pajjiz (ara Dok immarkat bħala Dok BOC2);*

*Illi għalhekk l-esponenti jeħtiġielha tibda itella diversi rovi sabiex jiġi determinat biċ-ċertzza x'inhuma l-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti stante li zewġha għandu t-tendenza li jixtri wkoll affarijie f'isem ħaddieħor u kif ukoll jinnegozja biss bi flus kontanti peress li hem mandate ta' sekwestri kontra tiegħu (Ara mandate annessi u mmarkati bħala Dok BOC3);*

c) *Illi di piu', il-partijiet għandhom dejn mal-Bank of Valletta reltat mad-dar matrimonjali. Din id-dar ġiet maqbuda u sejra tinbiegħ bis-subbasta filwaqt li l-konvenut qed jagħmel minn kollox biex itellef il-bejgħ tal-istess dar u qed jirrifjuta li biegħ. Illi madanakollu huwa tenna mal-esponenti li huwa laħaq fethim mal-BOV sabiex iħallas pagamenti konsiderevoli sabiex il-bank iwaqqfu s-subbasta. Illi filfatt fit-12 ta' Marzu, 2021 <u>il-konvenut għamel deozitu ta' EUR50,000 fil-loan tad-dar matrimonjali</u>, liema haga l-esponenti saret tafu mir-risposta li intavola l-konvenut*

*datata 9 ta' April, 2021 (Ara dokumenthawn anness u mmarkat bħala Dok BOC4);*

*Illi dan is-sepozitu huma provi ta' ftit mill-flejjes li għandu fil-pussess tiegħu l-konvenut. Illi filfatt huwa qalilha li mal-BOV ghandu ftehim li jhallas circa EUR 10,000 kull tlett xhur. Illi dawn il-flejjes li ser jintuzaw sabiex tinqata l-loan huma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u huma flejjes li ġew mġemmgħin. Illi għalhekk f'kaz li l-Onorabbli Qorti tilqa t-talba tal-konvenut, l-esponenti ser tigi ppregudikata stante li mhux biss l-esponenti ma tafx biċ-ċert kemm huma l-fejjes kontanti li għandu fil-pussess tiegħu l-konvenut (li għad trid itella provi dwarhom), izda kif ukoll minħabba l-fatt li ser jintuzaw flejjes li huma tal-komunjoni tal-akkwisti bl-intendiment li dawn jiġu jidhru li tħallsu mill-konvenut biss;*

*d) Illi kif intqal l-esponenti taf biss dwar x'assi hem fil-komunjoni tal-akkwisti meta kienet issib xi karta tigri 'l hem u 'l hawn fid-dar matrimonjali jew minn dak li qalilha l-konvenut. Għalhekk l-esponenti ferm tibza li din it-talba qegħda ssir f'dan l-istadju u b'mod prematur sabiex l-esonenti tiġi ppreġudikata minn sehma mill-komunjoni tal-akkwisti;*

4. *Illi ssir referenza ghas-sentenza in parte fl-ismijiet Sonia Bowerman vs Luke Bowerman deċiza minn din l-Oorabbli Qorti kif diversament ippresjeduta, fliema sentenza l-qorti kienet rreferit għas-sentenza Dr X T pro et noe vs Dr Y R deċiza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Ġunju 2018 fejn intqal illi:*

*"Il-Qorti hasbet fit-tul fir-rigward u hija tal-fehma, naturalment bla pregudizzju ghall-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet, illi fl-eventwalita' li tali talba tigi akkolta f'dan l-istadju u eventwalment fis-sentenza finali jirrizulta li l-allegazzjoni tal-attrici fir-rigward hija fondata, hemm ir-riskju illi fil-frattemp il-konvenut, wara li jkun ottjena x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti pendente lite, juza l-allegati fondi mohbija tal-komunjoni u jakkwista proprjeta' parafernali fl-esteru li l-attrici mhux biss ma jkollha lebda dritt dwarha izda jkun difficli ghaliha illi tirrintraccaha.*

*Fil-fehma tal-Qorti, wara li gharblet sew is-sottomissjonijiet rispettivi talpartijiet fir-rigward qed tikkonkludi illi x-xoljiment tal-komunjoni*

*talakkwisti f'dan l-istadju meta ghadu mhux stabbilit definittivament ilkonsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, jirreka pregudizzju mhux proporzjonat fuq l-attrici."*

5. *Illi ssir referenza wkoll għas-sentenza in parte mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Ronald Asciak vs Antonia Asciak datata 21 ta' Novembru 2018 fejn ġie ritenut illi:-*

   *"Fil-fehma tal-Qorti, wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet tikkonkludi li sallum ingabru ftit wisq mill-provi tal-partijiet u ghalhekk huwa kompitu difficili ghall-Qorti biex ikollha stampa cara tal-assi formanti parti mill-komunjoni talakkwisti. Oltre minn hekk, il-Qorti thoss li r-rikorrent mhux qed jigi ppregudikat billi qed ihalli lill-martu tghix fid-dar matrimonjali u jhallas l-ispejjes relatati mal-istess, dan aktar u aktar meta ghadu jmexxi negozji tal-kostruzzjoni li sas-sena 2014 kien qed irendi cirka €50,000, ighix ma' mara ohra u ta' spiss isiefru u jghixu hajja tajba. Jekk din il-Qorti kellha tawtorizza l-waqfien tal-komunjoni, hemm certi perikoli x'jista' jsir bin-negozju, li jista' joholqu pregudizzji sproporzjonati lill-intimata, li diga' allegat fuq xi tbabiz f'xi investimenti u addiritura lanqas ghada ma kellha l-opportunita' li tipproduci provi fuqhom. Fil-fehma tal-Qorti, wara li gharblet sew is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet firrigward qed tikkonkludi illi x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju meta ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, jirreka pregudizzju mhux proporzjonat fuq l-intimata".*

6. *Illi lanqas ma huwa possibbli li l-esponenti tikkawtela sehma mill-komunjoni b'mandati kawtelatorji peress li dan jista' jsir biss meta jigi determinat x'inhuma l-assi u flejjes tal-istess komunjoni tal-akkwisti.*

*Għaldaqstant, it-talba tal-attur għandha tiġi miċħuda.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur.*

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.[3]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Il-Qorti għandha quddiemha talba min-naħa tal-konvenut Saviour Attard sabiex pendenti l-kawza bejn il-partijiet tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, hekk kif l-attur jallega illi *"illi ħadd mill-partijiet ma huwa ser ibati ebda preġudizzju u dana peress li l-partijiet illum jgħixu ħajja separata"*.[4]

Min-naħa l-oħra l-attriċi topponi għat-talbiet kollha tal-konvenut minħabba allegat preġudizzju sproporzjonat illi ser issofri f'kaz li l-Qorti tilqa' t-talbiet kif dedotti u dan abbazi erba' (4) binarji, ċjoe': (i) l-kawza għadha fi stadju bikri tant illi għadhom qas biss bdew jinġabru l-provi u b'hekk għadu ma ġiex stabbilit fiex tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti, (ii) l-attriċi jeħtiġelha li ttella' diversi provi sabiex tidditermina biċ-ċertezza x'inhuma l-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti stante li zewġha għandu t-tendenza li jixtri wkoll affarijiet f'isem ħaddieħor u kif ukoll jinnogozja biss bi flus kontanti peress li hemm kontra tiegħu numru ta' mandate ta' sekwestru, (iii) il-partijiet għandhom dejn mal-Bank of Valletta plc, liema dejn huwa relatat mad-dar matrimonjali, u (iv) it-talba odjerna qiegħda ssir fi stadju prematur sabiex l-attriċi tiġi ppreġudikata minn sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.

## 2. Prinċipji Legali:

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55 subinċiz 1 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' li f'kull zmien matul is-smigħ tal-kawza ta' firda personali, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[3] Fol. 14.
[4] Fol. 2.

Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien talkomunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konkluživa.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

In sintezi, l-iskop tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi delinejat fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**,[5] fejn ġie mgħallem illi: *"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Dan kompla jiġi kkonfermat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**,[6] fejn il-Qorti tal-Appell kompliet tirriafferma illi *"dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra".*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**,[7] fejn kompla jiġi affermat illi: *"Fi kliem iehor il-pregudizzju irid ikun sproporzjonat fis-sens li mhux kull pregudizzju jaghti lok ghal cahda ghat-talba in kwistjoni. Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli. L-appellanti gia kellha erba' snin qabel id-decizjoni appellata (u issa sitt snin) biex tressaq il-provi taghha u din il-Qorti hija konsapevoli ukoll ta' kemm idumu ghaddejjin dawn il-vertenzi hafna drabi minhabba lusingar tal-partijiet biex iressqu l-provi kollha taghhom".*

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014.
[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.
[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2019.

## 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:

Il-Qorti hija marbuta permezz tal-Artikolu 55 subinċiz 4 tal-Kodiċi Ċivili li, qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, hija għandha tezamina u tara jekk xi parti jew oħra tkunx sejra tbati xi preġudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien pendenti l-kawza.

Fil-fehma tal-Qorti l-argumenti mressqa mill-attriċi sabiex toġġezzjona għat-talba tal-attur għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huma tali li jikkorrelataw flimkien stante li kollha kemm huma jirrivolvu madwar il-kwistjoni li l-kawza odjerna għadha fi stadju bikri in vista li għadhom ma bdewx jinġabru l-provi, u b'hekk tali talba saret b'mod prematur għaliex għadu ma ġiex stabbilit fiex tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet. Għaldaqstant l-attriċi hija tal-fehma illi ser tiġi ppreġudikata b'mod sproporzjonat għaliex hi stess għadha ma tafx biċ-ċertezza liema huma dawk l-assi li jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti, fosthom fir-rigward tal-kumpanija *Absolute Construction Limited*, iz-zwiemel tal-konvenut u l-flus kontanti fil-pussess tal-konvenut. Magħdud ma' dan l-attriċi tilmenta ukoll illi ser tbati minn preġudizzju sproporzjonat minħabba d-dejn mal-Bank of Valletta plc fuq id-dar matrimonjali u kif ukoll minħabba t-tendenzi li għandu l-konvenut li jixtri l-affarijiet f'isem ħaddieħor u li jinnegozja biss bi flus kontanti.

Fir-rigward tal-kwistjoni li talba ta' din in-natura saret b'mod prematur hekk kif għadhom ma bdewx jitresqu provi dwar dak li jappartjeni r-reġim viġenti bejn il-partijiet u b'hekk hemm nuqqas ta' rendikont dwar l-istess, il-Qorti tibda billi tisottolineja illi t-talba in kwistjoni ma saritx b'mod prematur. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Etienne Hayman vs Amanda Hayman**,[8] ġie ribadit illi: *"Ma hemm l-ebda dubju li l-kawza għall-firda personali għadha fi stadju bikri sew, madanakollu dan l-istat ta' fatt ma għandux iwaqqaf lil xi parti milli titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Artikolu 55 subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi illi tali talba tista' ssir "f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda" mingħajr ma ssir distinzjoni jekk tali talba għandhiex issir fil-bidu nett, f'nofs il-proceduri waqt l-istadju tal-ġbir tal-provi, jew fi tmiem tagħhom"*. Fil-kaz odjern jirrizulta ċar illi t-talba tal-konvenut saret matul is-smigħ tal-kawza tal-firda personali u għaldaqstant ma hemm l-ebda dubju illi saret skont l-

[8] Deċiza mill-Qorti tal-Familja, nhar it-22 ta' April 2021, (Rik. Nru. 225/2020/2AL), mhux appellata.

intendiment tal-leġizlatur u fil-parametri tal-liġi. Għaldaqstant il-fatt li għadhom ma bdewx jitressqu l-provi ma jfissirx illi dik il-parti interessata għandha tkun prekluza milli tressaq talba ta' din in-natura.

Magħdud mal-premess u fi kwalunkwe kaz il-Qorti tfakkar illi *"s-sentenza appellata tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat u ma taffettwax l-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti sad-data tal-ordni ghall-waqfien"* - liema insenjament ġie riċentament ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ottubru 2019 fis-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**. L-istess ġie ribadit fis-sentenza fl-ismijiet **Ronald Asciak vs Antonia Asciak**, fejn ingħad illi *"l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat, b'mod li dak li setghu ghamlu z-zewg partijiet qabel id-data li fiha tkun inghatat l-ordni ma jippregudikax is-sehem taghhom mill-istess komunjoni. Il-partijiet ghandhom id-dritt li jibqghu jressqu provi dwar l-assi tal-komunjoni ezistenti sa dik id-data, anke wara li tkun inghatat l-ordni tal-waqfien"*.[9]

Fid-dawl tal-insenjament surreferit, il-Qorti ma tarax illi l-oġġezzjoni tal-attriċi hija valida u l-preġudizzju vvantat minnha huwa altru milli wieħed li jippreġudika l-pozizzjoni tagħha. Għalkemm f'dan l-istadju tal-kawza l-attriċi għadha ma bdietx tressaq il-provi tagħha u *dato ma non concesso* li l-Qorti tilqa' t-talba tal-konvenut kif dedotta, l-attriċi xorta waħda ser jibqala' dak id-dritt li tressaq kull xhud jew dokument rigward l-assi u dejn li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti sal-mument li din tibqa' viġenti, liema assi u dejn għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza finali tagħha għal fini ta' likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni tal-istess lill-partijiet in kwistjoni. Dan għandu japplika ukoll fir-rigward ta' dak irrilevat mill-attriċi dwar il-kumpanija bl-isem *Absolute Construction Limited*,[10] iz-zwiemel tal-konvenut,[11] u l-flus kontatti li allegatament għandu fil-pussess tiegħu l-konvenut,[12] hekk kif fi kwalunkwe kaz l-attriċi għandha dejjem il-fakolta' li tressaq il-provi taghha dwar l-istess u f'kaz li jiġi ppruvat li dawn verament jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet, il-Qorti tgħaddi sabiex tgħati l-ġudizzju tagħha dwarhom fis-sentenza finali tagħha.

---

[9] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Ronald Asciak vs Antonia Asciak**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Diċembru 2019.

[10] *"l-uniku affarijiet li l-esponenti taf dwar dan huwa mill-ftit affarijiet li kien jgħidilha l-konvenut jew tramite riċerka fis-sistema' tal-qorti (...) stante li huwa għandu kontroll assolut fuq l-istess negozju, fuq ishma u fuq il-qligħ mill-istess".*

[11] *"għandu diversi zwiemel tat-tigrija izda ma għandhix informazzjoni ta' fejn dawn jinsabu".*

[12] *"l-esponenti ser tiġi ppreġudikata stante li mhux biss l-esponenti ma tafx biċ-ċert kemm huma l-flejjes kontanti li għandu fil-pussess tiegħu l-konvenut".*

Għaldaqstant, wieħed irid izomm f'moħħu illi meta si tratta l-materja in kwistjoni, ma hemmx lok li ssir lamentela dwar in-nuqqas ta' kjarezza dwar dak li sal-prezent jistabbilixxi l-komunjoni tal-akkwisti għaliex l-elenku jew in-nuqqas tiegħu ta' dak li jifforma parti mill-komunjoni huwa estranju għall-proċeduri in dizamina.

Fir-rigward tad-dejn mal-Bank of Valletta plc fuq id-dar matrimonjali u l-bejgħ tad-dar matrimonjali permezz tas-subbasta, il-Qorti tara illi l-attriċi tallega illi *"l-konvenut qed jagħmel minn kollox biex itellef il-bejgħ tal-istess dar u qed jirrifjuta jbiegħ"*, li *"huwa tenna mal-esponenti li huwa leħaq ftehim mal-BOV sabiex iħallas pagamenti konsiderevoli sabiex il-bank iwaqqfu s-subbasta"*, u li *"huwa qalilha li mal-BOV ghandu ftehim li jhallas circa EUR10,000 kull tlett xhur"*. F'dan il-kuntest, il-Qorti tara illi mill-atti jirrizulta li permezz ta' sentenza finali mogħtija nhar it-3 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet **Bank of Valletta plc C2833 vs Saviour sive Sammy Attard et**,[13] il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kkundannat lil konjuġi Attard iħallsu flimkien u *in solidum* bejniethin lil Bank of Valletta plc is-somma ta' €191,916.82 flimkien mal-imgħax legali mit-13 ta' April 2018 sal-jum tal-effettiv pagament, bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur. Konsegwentament jidher li l-Bank of Valletta plc, nhar id-19 ta' Jannar 2021 ipprezenta rikors għall-qbid ta' ħwejjeġ immobbli, ossija *"il-fond minghajr isem, bin-numru ufficjali sebgha u tletin (37), fi Triq il-Kapuccini, Haz-Zabbar, inkluza l-arja sovrastanti, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu"*, liema talba ġiet akkolta nhar il-25 ta' Jannar 2021 u l-bejgħ tal-imsemmi fond ġie ordnat li jsir permezz tal-proċedura tas-subbasta nhar it-Tlieta 22 ta' Ġunju 2021.

F'dan l-istadju l-attriċi qiegħda tallega illi l-konvenut leħaq fethim mal-Bank of Valletta plc sabiex jiġi evitat l-bejgħ tal-fond in kwistjoni permezz tas-subbasta u konsegwentment f'kaz li l-komunjoni tal-akkwisti tiġi tterminata hi ser tiġi ppreġudikata stante li fil-fehma tagħha *"l-flejjes li ser jintuzaw sabiex jinqata l-loan huma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u huma flejjes li ġew mġemmgħin"* u *"l-esponenti ma tafx biċ-ċert kemm huma l-flejjes kontanti li għandu fil-pussess tiegħu l-konvenut (li għad trid itella provi dwarhom), izda kif ukoll minħabba l-fatt li ser jintuzaw flejjes li huma tal-komunjoni tal-akkwisti bl-intendiment li dawn jiġu jidhru li tħallsu mill-konvenut biss"*.

[13] Rikors Ġuramentat Numru 15/2018, sentenza mhux appellata.

Il-Qorti tara illi mill-atti jirrizulta digriet tal-Qorti li jordna l-bejgħ tad-dar matrimonjali permezz ta' subbasta nhar it-22 ta' Ġunju 2021. Min-naħa l-oħra tara ukoll ir-risposta tal-konvenut tad-9 ta' April 2021 għar-rikors tal-attriċi tat-12 ta' Marzu 2021, fejn il-konvenut stess iddikjara illi *"l-esponenti jirrileva li għadu kemm mar il-bank u ghamel pagament sostanzjali fi hdan il-bank, u mhux minnu li hemm ebda subbasti ghaddejjin li waslu fi stadju fejn din id-dar tittiehed mill-bank; u l-esponenti qieghed jaghmel l-almu tieghu biex il-partijiet ma jkollhom jghaddu minn subbasta."* B'hekk jirrizulta illi huwa kkonfermat dak allegat mill-attriċi u ċjoe' illi l-konvenut qiegħed jipprova jevita l-bejgħ tad-dar matrimonjali u b'hekk tezisti l-possibilita' li intlaħaq xi tip ta' ftehim.

Nonostante s-suespost, il-Qorti hija tal-fehma illi tali kwistjoni xorta waħda ma hijiex waħda li tista' tippreġudika lill-attriċi b'mod sproporzjonat. *Dato ma non concesso* li l-konvenut verament leħaq ftehim mal-bank u dan in assenza tal-attriċi, u *dato ma non concesso* ukoll illi l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-konvenut, u l-flus li jitħallsu lill-bank f'isem il-konvenut ikunu flus maqlugħa matul il-perjodu li fih kien għadu jadopera l-komunjoni tal-akkwisti, l-attriċi dejjem għandha l-possibilita' li matul il-kawza għall-firda personali tressaq dawk il-provi dokumentarji u *viva voce* neċessarji sabiex tistabbilixxi l-provenjenza tal-flus li qegħdin jitħallsu mill-konvenut lill-bank bħala pagament tad-dejn in kwistjoni. Huwa minnu li l-attriċi allegat illi l-konvenut għandu t-tendenza li *"jinnegozja biss bi flus kontanti"* u li *"ma tafx biċ-ċert kemm huma l-flejjes kontanti li għandu fil-pussess tiegħu"*, izda jekk dan huwa minnu, zgur mhux forsi dan ma huwiex it-tip ta' aġir li ser ikun ittollerat mill-bank għall-ħlas tal-pagamenti tad-dejn in kwistjoni. Dan jingħad in vista tal-fatt illi permezz tal-protokol tal-bank rigward il-ħasil ta' flus, il-bank mhux ser jittollera abbuz, inkluz depoziti ta' somom ta' flus konsiderevoli li l-provenjenza tagħhom ma tkunx evidenti u kristallizata. Għaldaqstant kull pagament li *se mai* isir mill-konvenut, il-bank ser ikun konxju tal-istess u l-provenjenza tad-depozitu, u b'hekk l-attriċi mhux ser ikollha problemi sabiex tivverifika fil-ġbir tal-provi tagħha dwar jekk tali pagamenti humiex jitħallsu minn flus li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti *o meno*.

Nonostante s-suespost u tenut kont ukoll li ma tressqet l-ebda prova dwar l-allegat ftehim, il-Qorti ma tinsabx konvinta illi l-konvenut leħaq ftehim konklussiv mal-bank u dan mingħajr konsultazzjoni mal-attriċi, kif ukoll l-awtorizzazzjoni, kunsens jew firma tagħha stess. Skont is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jirrizulta li l-attriċi hija responsabbli għad-dejn in kwistjoni flimkien

u *in solidum* mal-konvenut, u b'hekk għandha l-jedd li tkun parteċipi f'laqgħat mal-bank u tkun ikkonsultata qabel ma tittiehed kwalsiasi deċizjoni dwar kif għandu *se mai* jitħallas id-dejn. Kieku dan kien verament minnu, x'waqqaf lill-attriċi milli tressaq prova dwar tali ftehim? Barra minn hekk, jista' jkun li fil-prezent hemm xi trattativi, izda lanqas dan ma ġie b'xi mod ippruvat u fi kwalunkwe kaz tali trattattivi jista' jkun li ma jwasslu imkien. Għaldaqstant u fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tarax li l-attriċi tista' tiġi ppreġudikata b'mod sproporzjonat, u dan tenut kont ukoll illi skont dak pprovdut lil din il-Qorti, il-proċedura tas-subbasta ma tidhirx li ġiet revokata.

<u>Fir-rigward tal-allegat aġir tal-konvenut illi għandu t-tendenza li jixtri affarijiet f'isem ħaddieħor u kif ukoll jinnegozja biss bi flus kontanti peress li hemm mandati ta' sekwestru kontra tiegħu,</u> il-Qorti tevalwa illi l-insinwazzjonijiet tal-attriċi fuq zewġha ma ġewx minimament ippruvati. Huwa minnu li l-attriċi resqet prova li kienu ġew ipprezentati numru ta' mandati ta' sekwestri kontra l-konvenut izda ma ġiex ippruvat jekk tali mandati għadhomx *in vigore*, u fi kwalunkwe kaz tali dokumenti ma jikkorraborawx it-tendenzi malizzjuzi tal-konvenut. Jiġi mfakkar illi min jallega li ser isofri preġudizzju mhux proporzjonat għandu jġib tali prova.[14]

Għaldaqstant, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, ma hemmx dubju għal din il-Qorti illi l-partijiet qegħdin jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin. Madanakollu u fl-aħħar lok, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenzi li tirreferi għalihom l-attriċi fir-risposta tagħha għar-rikors odjern, u ċjoe' s-sentenzi fl-ismijiet **Sonia Browman vs Luke Browman**,[15] u **Ronald Asciak vs Antonia Asciak**,[16] fejn l-attriċi tagħzel li tiċċita partijiet mill-brani tal-istess sentenzi sabiex tissostanzja l-argument tagħha fir-rigward tan-nuqqas ta' provi. Madanakollu, jiġi puntwalizzat illi l-konsiderazzjonijiet u d-deċizjoni tal-Qorti tal-Familja fis-sentenza fl-ismijiet **Ronald Asciak vs Antonia Asciak**, ġew revokati mill-Qorti tat-Tieni Istanza permezz ta' sentenza mogħtija nhar il-5 ta' Diċembru 2019, bil-konsegweza li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ġiet terminata. Din kienet l-aħħar sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Appell f'dan ir-rigward u għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi sabiex tirrepplika l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-konjuġi Asciak, surreferita, ġialadarba l-kwistjonijiet diskussi mill-

[14] Ara s-sentenzi fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014, u **Claire Pisani vs Joseph Pisani**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.
[15] Deċiza mill-Qorti tal-Famlja, nhar is-6 ta' Frar 2019, (Rik. Nru. 273/2018JPG), mhux appellata.
[16] Deċiza mill-Qorti tal-Familja, nhar il-21 ta' Novembru 2018, (Rik. Nru. 177/2015AGV), appellata.

Qorti tal-Appell jissostanzjaw il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fis-sentenza odjerna:

*"16. Fl-ewwel lok tosserva li, minkejja li l-konvenuta tghid li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ser ikun ta' pregudizzju ghaliha, minhabba li ma tafx ser jigi min-negozju gestit mill-attur, tenut kont li, l-attur ilu zmien twil jghix ma' mara ohra, u wkoll tenut kont li, skond hi, diga` sar tbaghbis u falsifikazzjoni fl-investimenti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti biex parti minnhom gew mibjugha minghajr il-firma taghha, hi ma ressqet ebda prova biex tissostanzja dak minnha allegat. L-oneru tal-prova tal-pregudizzju mhux proporzjonat jirrisjedi fuq minn qed jallegah, f'dan il-kaz, il-konvenuta u ghalhekk hi ghandha l-oneru li tressaq provi in sostenn ta' dak allegat minnha. Fir-rigward, il-konvenuta baqghet mankanti, minkejja li l-kawza ilha ghall-provi tal-konvenuta mid-9 ta' Frar 2017.*

*17. Fit-tieni lok tosserva li l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat, b'mod li dak li setghu ghamlu z-zewg partijiet qabel id-data li fiha tkun inghatat l-ordni ma jippregudikax is-sehem taghhom mill-istess komunjoni. Il-partijiet ghandhom id-dritt li jibqghu jressqu provi dwar l-assi tal-komunjoni ezistenti sa dik id-data, anke wara li tkun inghatat l-ordni tal-waqfien. Barra minnhekk il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, taht it-Titolu VI intestat "Fuq l-Atti Kawtelatorji" jaghti rimedji legali sabiex il-partijiet jiehdu l-mizuri biex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom vis-à-vis il-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk il-konvenuta dejjem ghandha dawn ir-rimedji kawtelatorji biex tissalvagwardja sehemha mill-assi tal-komunjoni.*

*18. Fit-tielet lok mill-provi jirrizulta pacifiku li l-konvenuta baqghet tghix fid-dar matrimonjali [villa] bi spejjez imhallsin mill-attur li inoltre jivversalha manteniment mensili ghal ghejxien taghha ta' €1,000 fix-xahar u ghalhekk, minghajr pregudizzju ghad-dritt taghha li titlob awment filmanteniment jekk ikun opportun, din il-Qorti ma tarax li f'dan l-istadju l-konvenuta ser tbati pregudizzju mhux sproporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni.*

*19. Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti ma tistax taqbel mal-motivazzjoni tal-ewwel Qorti li abbazi taghhom cahdet it-talba tal-attur fuq il-konsiderazzjonijiet li "hemm certi perikoli x'jista' jsir bin-negozju" u ghax "ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti."".*

Għaldaqstant, il-prinċipju kif ribadit fis-sentenzi fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** u **Claire Pisani vs Joseph Pisani**, ċitati *supra*, u ċjoe' li min ikun qiegħed jallega li ser isofri preġudizzju mhux proporzjonat għandu jġib tali prova, għandu japplika ukoll għar-rikors odjern. Il-Qorti ma tinsabx sodisfatta li l-attriċi resqet dik il-prova sal-grad rikjest mil-liġi illi hija verament ser isofri minn preġudizzju sproporzjonat f'kaz li jitwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti. Fis-sentenza **Jael Cassar vs Robert Cassar**,[17] ġie ritenut illi *"Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat".*

Tenut kont taċ-ċirkostanzi, il-Qorti tara pjuttost illi tali terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti abbazi ta' dak dikjarat mill-konvenut fir-rikors odjern, ser tkun ta' benefiċċju għaz-zewġ partijiet. Għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li effettivament jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-konvenut ebda mill-partijiet mhu ser isofri xi preġudizzju mhux proporzjonat u dan peress li kif diġa' ġie premess iktar 'il fuq, kull parti tista' tkompli ttella' l-provi rigward l-assi, kemm dawk parafernali u kif ukoll dawk appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, fejn konsegwentament il-Qorti tgħaddi sabiex tipprovdi rigward dan fis-sentenza finali meta tigi biex tillikwida u tassenja l-assi formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, wara li jkunu nġabru l-provi kollha.

Il-Qorti tirrienfasizza li *"il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qedghin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici"* u dan kif ġie mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**.[18] Dak li kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, għad irid jiġi deċiz, likwidat u assenjat mill-Qorti fid-deċizjoni finali tagħha wara l-ġbir tal-provi kollha.

**DEĊIDE:**

[17] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-3 ta' Diċembru 2013.
[18] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Ottubru 2015.

Għaldaqstant u fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, fejn tali terminazzjoni jkollu effett skont subinċiz 3 tal-istess artikolu tal-liġi; tordna illi r-reġim matrimonjali li għandu japplika bejn il-partijiet mill-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat huwa dak tas-separazzjoni tal-beni;

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi zmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza preliminari tgħaddi in ġudikat, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza sabiex ikun jista' jirreġistraha ai termini tal-Artikolu 55 subinċiz 5 tal-Kodiċi Ċivili.

L-ispejjez ta' din is-sentenza *in parte* jibqgħu rizervati għall-ġudizzju finali.